Australian Government
Aged Care Quality and Safety Commission

Ikel u nutrizzjoni

Fuljett ta' informazzjoni għar-residenti tal-kura tal-anzjani

Maltese | Malti

# L-Ikel – l-għażliet tiegħek għandhom valur



## Li tiekol ikel li jogħġbok huwa importanti għall-saħħtek u għall-benesseri tiegħek.

L-esperjenza tal-ikel u ta' meta tiekol offruta mill-fornitur tal-kura tal-anzjnai tiegħek għandha tkun sikura, ta' gost, rispettabbli u bbażata fuq dak li jogħġbok.

Jekk din m'hijiex l-esperjenza tiegħek, huwa ok biex inti tgħid bit-tħassib tiegħek lill-fornitur.

Jekk tħossok skomdu li titkellem mal-fornitur tiegħek dwar it-tħassib tiegħek, jew jekk diġà ppruvajt mingħajr riżultat aċċettabli, ikkuntattja lill-Kummissjoni dwar il-Kwalità u s-Sigurtà tal-Kura tal-Anzjani.

Ikkuntattjana permezz:

**Tat-Telefown** 1800 951 822

**Onlajn** agedcarequality.gov.au

**Email** info@agedcarequality.gov.au

**Tal-Posta** Aged Care Quality and Safety Commission GPO Box 9819, <fil-belt kapitali tiegħek>

## Kif tista' tgħinek il-Kummissjoni?

Meta tikkuntattja lill-Kummissjoni dwar it-tħassib li għandek fuq l-esperjenza tiegħek tal-ikel u ta' meta tiekol f'servizz tal-kura tal-anzjani, aħna ser:

- nisimgħuk biex nifhmu t-tħassib tiegħek
- nitkellmu mal-fornitur tiegħek
- nissapportjaw lilek u lill-fornitur tiegħek biex tkunu tafu d-drittijiet u r-responsabbiltajiet tagħkom
- niżguraw li l-fornitur tiegħek jifhem ir-responsabbiltajiet tiegħu
- ngħinu lill-fornitur tiegħek biex jaċċetta pjan ta' azzjoni li jissodisfa l-aspettattivi tiegħek
- niċċekkjaw miegħek biex naraw jekk l-affarijiet marrux għall-aħjar.

Meta jkun hemm bżonn, il-Kummissjoni tieħu azzjoni formali mal-fornitur tal-kura tal-anzjani tiegħek biex tiżgura li jtejjbu l-kwalità u l-livell tas-servizz.

## X'tibdil għandek tistenna?

Wara li l-fornitur tiegħek isir jaf bit-tħassib tiegħek, it-tibdil li għandek tara jinkludi:

- l-impjegati jitkellmu miegħek biex jifhmu l-għażliet tiegħek u biex jippreparaw ikel li inti kuntent bih
- jgħinuk biex tagħmel kemm tista' waħdek waqt il-ħinijiet tal-ikel
- jiżguraw li inti tieħu n-nutrizzjoni li għandek bżonn biex tibqa' b'saħħtek
- jirrispettaw il-bżonnijiet u l-preferenzi kulturali, reliġjużi u tad-dieta tiegħek
- esperjenza ta' meta tiekol li tkun aktar pjaċevoli.

## Jekk l-ewwel tixtieq tipprova titkellem mal-fornitur tiegħek

Jekk tħossok komdu, tista' tgħid bit-tħassib tiegħek mal-fornitur tal-kura tal-anzjani tiegħek. Dan ser jgħinhom biex jifhmu l-veduti u l-peferenzi tiegħek. Tista' wkoll tistaqsi lill-membru tal-familja jew rappreżentant biex jitkellmu f'ismek.

Konversazzjoni mas-servizz tiegħek ħafna drabi twassal biex ikun hemm tibdil ta' malajr biex jiġu sodisfatti l-preferenzi tiegħek tal-ikel. Il-fornitur tiegħek jista' jaħdem biex itejjeb l-esperjenza tiegħek tal-ikel u ta' meta tiekol jekk ikunu jafu l-preferenzi tiegħek.

Qabel ma' tqajjem it-tħassib tiegħek, forsi tixtieq tikkunsidra dawn il-pariri li ġejjin:

- Ikun ta' għajnuna jekk it-tħassib tiegħek jaslu għand il-persuna t-tajba. Tista' tistaqsi biex titkellem mal-impjegati responsabbli għall-ikel.
- Jekk hu possibli, ipprovdi eżempji speċifiċi ta' dak li tixtieq li jinbidel.
- Għarrafhom liema huwa l-ikel li tħobb u dak li ma tħobbx. Kellimhom dwar ikliet li għoġbuk u ikliet li ma ssodisfawx l-aspettattivi tiegħek. Forsi għandek xi riċetti favoriti li tista' ttihom biex jippruvawhom.
- Tista' timla il-formola tal-preferenzi tiegħi tal-ikel f'paġna 3 ta' dan il-fuljett ta' informazzjoni u ttiha lill-fornitur tiegħek. Dan hu mod tajjeb biex tiżgura li l-fornitur tiegħek ikun jaf il-preferenzi tiegħek, li tkun tista' taġġorna f'kull ħin.
- Ifhem id-drittijiet tiegħek. Il-Karta tad-Drittijiet tal-Kura tal-Anzjani hija riżors tajjeb fejn tibda. Tista' tara l-Karta fis-sit https://www.agedcarequality.gov.au/consumers/consumer-rights jew staqsi lill-fornitur tiegħek biex itik kopja stampata.
- Taqtax qalbek jekk ma tħossx li qed tiġi mismugħ. M'għandekx tressaq it-tħassib tiegħek waħdek. Il-Kummissjoni tista' tgħinek f'kull ħin. Jeżisti wkoll sapport ta' Rappreżentanza.

# Il-preferenzi tiegħi tal-ikel

| | |
|---|---|
| **Isem** | |
| **Il-preferenzi tiegħi tal-ikel**<br>per.eż. tipi ta' ikel u xorb, kwantità preferuta eċċ. | |
| **Il-preferenzi tiegħi għal meta niekol**<br>per.eż. meta, fejn u ma' min | |
| **X'assistenza (jekk hemm bżonnha) għandi bżonn biex niekol u nixrob?** | |
| **Xi problemi ta' saħħa, jekk jeżistu, jaffettwaw kif niekol u nixrob?** | |
| **Kemm niekol is-soltu?** | |
| **Xi tradizzjonijiet jew użanzi kulturali u/jew reliġjużi nosserva?** | |
| **Dettalji tal-kuntatt**<br>per.eż. djetologu, terapista okkupazzjonali, espert tas-snien, terapista tad-diskors regolari | |
| **Għall-impjegati**<br>**Fejn hu rrekordjat il-piż tar-resident?***<br>Tnaqqis fil-piż u fil-konsum tal-ikel huma sinjali ta' twissija li hemm malnutrizzjoni. Jekk tinnotta xi tibdil, ikkuntattja d-djetologu tar-resident għall-assistenza.<br>* Niżżel fejn jinstabu dettalji tal-piż regolari tar-resident. Tirrekordjax il-piż fuq din il-formola dwar il-preferenzi. | |

Din il-formola ta' preferenza tista' timtela mir-residenti tal-kura al-anzjani, b'assistenza mill-impjegati, familja, kerer, jew saħħa alleata, fejn hemm bżonn jew meta jiġi mitlub. Staqsi lir-resident fejn jixtieq li titpoġġa din il-karta tal-preferenzi fil-kamra tiegħu.

Tista’ tfittex sapport jew parir mingħand **servizzi ta’ rappreżentanza** bla ħlas u indipendenti. Dawn is-servizzi jistgħu jipprovdu sapport lill-persuni anzjani u lir-rappreżentanti tagħhom fuq affarijiet relatati ma’ servizzi tal-kura tal-anzjani li huma ffinanzjati mill-Gvern Federali.

Il-**Linja ta’ Sapport tan-Netwerk ta’ Rappreżentanza għall-Persuni Anzjani (OPAN)** tista’ tipprovdi parir bla ħlas u indipendenti fuq **1800 700 600** jew żur opan.org.au.

## Għal aktar informazzjoni

Tista’ ssib aktar informazzjoni dwar esperjenzi ta’ ikel fil-kura tal-anzjani fuq is-sit tal-Kummissjoni: https://www.agedcarequality.gov.au/consumers/food-dining-and-nutrition

Tista’ issib aktar informazzjoni biex tgħinek tressaq it-tħassib tiegħek billi taqra t-toolkit tal-OPAN dwar kif tirrapreżenta lilek innifsek: https://opan.org.au/toolkit

**Għandek id-dritt li tagħżel fejn, meta u x’tiekol u tixrob.**

**Għandek id-dritt li tressaq it-tħassib tiegħek dwar l-esperjenzi tiegħek tal-ikel u ta’ meta tiekol.**

**Jeżisti sapport biex jgħinek tressaq it-tħassib tiegħek.**